MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2003

Rikors Numru. 1067/1997/1

Joseph Fenech
vs
Direttur tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'iktar mod preciz fi jew ghall habta ta' April 1989 u kif ukoll fl-1 ta' Awissu 1992, ir-rikorrent sofra zewg ingustizzji billi, fl-ewwel kaz gie michud minn promozzjoni ghall-kariga ta' Works Technical Officer fil-Water Works Department u fit-tieni kaz gie mgieghel jaqdi d-dmirijiet ta' kap ta' Sezzjoni, fid-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici u Kostruzzjoni, minghajr ebda kumpens, minkejja illi dawn id-dmirijiet kienu jinvolvu xoghol ta' grad ohla mill-grad tieghu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

1. Illi r-rikorrent kien dahal jahdem bhala “mechanical fitter” mad-Dipartiment intimat sa mill-1983.

2. Illi fl-1986 ir-rikorrent kien intbaghat jahdem fil-“workshop” tal-Garaxx tal-Marsa tal-Water Works Department, u dana minhabba l-esperjenza tieghu fuq it-torn u xogholijiet ohra konnessi ma’ sistemi tad-drenagg.

3. Illi f’April 1989, ir-rikorrent kien issottometta applikazzjoni u ghamel ukoll interview sabiex jibbenefika minn promozzjonijiet ghall-kariga ta’ Works Technical Officer.

4. Illi fiz-zmien illi kien applika, ir-rikorrent kien l-aktar wiehed li kien ilu jahdem f’dan il-Workshop u kien l-aktar wiehed b’esperjenza necessarja.

5. Illi minkejja dan kollu, u minkejja illi ma kien jezisti ebda impediment jew kundizzjoni li kienet setghet tiskwalifika lir-rikorrent milli jibbenefika ruhu minn din il-promozzjoni, huwa mhux biss ma kienx gie maghzul ghal din il-kariga, izda talli l-promozzjoni kienet inghatat lill haddiem li ma kienx jahdem fil-Workshop meta hargu l-applikazzjonijiet u li ma kellux l-esperjenza mehtiega ghax-xoghol li jsir fil-Workshop.

6. Illi sadanittant, u b’effett mill-1 ta’ Awissu 1992, ir-rikorrent kien gie mgieghel jaqdi d-dmirijiet ta’ kap ta’ Sezzjoni, fid-Dipartiment intimat, li tiehu hsieb il-vetturi “impressed’ tad-Dipartimenti kollha li jaqghu taht il-Works Division u ta’ xi sittin vettura ohra tal-kiri.

7. Illi dan ix-xoghol rikjest mir-rikorrent kien jirrikjedi attenzjoni u responsabilita` kbira, tant illi qabel ma kien gie assenjat lir-rikorrent, kien jaqa’ taht il-funzjoni u r-responsabbilita` tal-Assistent Amministrattiv (illum maghruf bin-nomenklatura ta’ Assistent Principal) u ghal xi zmien anke minn zewg Technical Officers, liema karigi kienu jaqghu fi grad oghla minn dak tar-rikorrent. In oltre, f’kull sezzjoni ohra, dan ix-xoghol kien ghadu sal-lum jaqa' taht ir-responsabbiltajiet ta' Senior Technical Officer.

8. Illi minkejja li r-rikorrent kien baqa' dejjem sal-lum, jassumi dawn id-dmirijiet u responsabbilitajiet b'efficjenza u diligenza, huwa qatt ma kien inghata promozzjoni ghall-grad proprju ossija kumpens ghad-dmirijiet li kien assuma minkejja li x-xoghol involut kien jaqa' proprjament taht ir-responsabilitajiet ta' ufficjal li jokkupa grad oghla minn dak tar-rikorrent.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib, biex isostni l-ilmenti tieghu, lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar dawn l-ilmenti skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1) Jordna illi jithallas lir-rikorrent ammont ta' hlas jew kumpens ekwivalenti ghad-differenza bejn il-paga tal-grad ta' Mechanical Fitter u dak ta' Works Technical Officer ghall-perijodu bejn it-30 t'April 1989 sal-1 ta' Awissu 1992.

2) Jordna illi r-rikorrent jigi promoss ghall-grad ta' Senior Technical Officer fid-Dipartiment intimat, b'effett mill-1 ta' Awissu 1992.

3) Jordna illi jithallas lir-rikorrent ammont ta' hlas ekwivalenti ghad-differenza bejn il-paga tal-grad ta' Mechanical Fitter u dak ta' Senior Technical Officer ghall-perjodu bejn l-1 ta' Awissu 1992 sal-lum.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent flimkien mad-dokumenti annessi.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li eccepixxa:

Ir-rikorrent kien gie attaccjat mad-Dipartiment tax-Xogholijiet b'effett mis-6 ta' Frar 1984 bhala E.S.T.S. Hu kien gie promoss ghal grad ta' Mechanical Fitter fit-2 ta' Marzu 1987. Permezz tar-Riforma li sehhet fis-settur pubbliku fl-1 ta' Jannar 1991, ir-rikorrent kien gie assimilat fil-grad ta' Tradesman u sussegwentement bhala Senior Tradesman b'effett mit-2 ta' Marzu 1995.

Illi r-rikorrent kien applika ghal sejha Numru 11/88 datata 4 ta' Marzu 1988 u kien gie moghti n-numru 350 bhala numru ta' referenza. Din l-applikazzjoni kienet ghall-post ta' Works Technical Officer u kienet maqsuma fuq hdax il-kategorija kif spjegat:

1. Building Inspector
2. Electrical/Mechanical Eng.
3. Foreman of Works
4. Land Surveying
5. Draghstman
6. Machinery & Workshop
7. Clerk of Works
8. Quantity Surveying
9. Eng. Assistant
10. Planning & Programming
11. Concrete/Structures

Illi r-rikorrent kien applika taht kategorija numru 6 fost total ta' 99. Minn dawn 30 kienu gabu marka ta' 50 jew aktar, fosthom ir-rikorrent li kien gab il-marka ta' 50. Finalment kienu gew rakkomandati u eventwalment promossi l-ewwel erbatax-il applikant li kienu gabu marki oghla minn 54.

Illi r-rikorrent kien gie mitlub biex jesegwixxi x-xoghol imsemmi mid-Direttur, is-Sur Vincent Magri.

Illi r-rikorrent qatt ma kien irrifjuta jew oggezzjona ghal din il-kariga la verbalment u l-anqas bil-miktub ma' l-awtoritajiet kkoncernati.
Illi r-rikorrent kien dejjem assistit mid-Direttur kkoncernat u kwalunkwe decizjoni kienet tittiehed mill-istess Direttur.

Illi l-impjegati li kienu nkarigati mill-istess xoghol qabel ir-rikorrent kienu jokkupaw karigi fosthom ta' skrivan u ta' foreman, gradi li huma ekwivalenti ghal dik tar-rikorrent.

Illi l-impjegati kollha fis-servizz pubbliku jithallsu skond il-grad li jokkupaw.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat flimkien mad-dokumenti annessi.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent xehed fl-1 ta' Frar 2000 u kkonferma l-fatti kollha indikati fir-rikors promotorju bhala fatti veri.

Zied jghid ir-rikorrent li hu kien qieghed jilmenta li ma lehaqx WTO mad-Dipartiment tax-Xogholijiet fis-sezzjoni tad-Dranagg u mhux fil-Water Works Department. Hu kien beda jahdem flok is-Sur Barbara fl-1992. Kull min kien jaghmel dan ix-xoghol qablu kien jew Technical Officer jew inkella AA, fosthom Joe Barbara li kien AA u John Camilleri li kien WTO u l-uniku xoghol li kien naqas meta kien qed jaghmlu hu dak li jirrigwardja l-fuel u cioe` c-chits tal-fuel li kien ezentat milli jaghmilhom hu.

Zied jghid ukoll illi ghall-habta tal-1988/1989 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet u hu kien applika ghaliha, izda minflok kien hadha haddiehor li kien go workshop iehor li kien jismu Nicholas Aquilina. Semma li s-Sur Vince Magri dak iz-zmien fl-1989 kien weghdu li jiehu din il-promozzjoni proprju ghaliex hu kien l-uniku wiehed hemmhekk li kien qed jigi inkarigat minn dan ix-xoghol u proprju kien kwalifikat biex jaghmel dan ix-xoghol ghalkemm veru li Nicholas Aquilina huwa haddiem abbli.

Dakinhar ta' l-interview kien iddeskriva x-xoghol fir-rigward tal-pompi u qal kollox precizament.

Ir-rikorrent semma illi l-grad tieghu kien u ghadu sal-lum il-gurnata ta’ Senior Tradesman, li jaqa’ taht group D.  Hu ghadu jaghmel l-istess xoghol li kellu minn 1987 sal-lum.

Xehed Joseph Barbara li mill-1987 sa l-1995 kellu l-kariga ta' AA u kien qieghed il-garage ta’ Hal Kirkop.  Semma li sal-1989 kien inkarigat mill-impressed, johorgilhom il-pagi, jaghmel il-kalkolazzjonijiet dwar il-fuel u jqassam il-karozzi.  In-numru ta’ l-impressed drivers kien wiehed konsiderevoli u kien jirrikjedi hafna xoghol.  Hu kien jiehu hsieb zewg sezzjonijiet, is-sezzjoni ta' l-impressed u s-sezzjoni ohra tal-procurement.

Xehed ukoll John Camilleri li semma li r-rikorrent kien in charge mill-impressed fid-Dipartiment tax-Xogholijiet fis-sens illi r-rikorrent kien in charge minn naha wahda u hu (ix-xhud) kien minn naha l-ohra, u bejniethom kellhom madwar 250 vettura x’jiehdu hsieb.  Fl-1987 hu kellu l-kariga ta’ WTO waqt li s-Sur Fenech r-rikorrent, kellu l-grad ta’ Fitter bix-xoghol li kien qed jaghmel li kien in charge mill-vetturi kien xoghol ta’ grad oghla mill-grad li kellu.

Xehed Vince Magri li ghandu l-kariga ta’ Direttur u semma li jaf lir-rikorrent bhala bniedem li jahdem.  Mistoqsi dwar jekk kellhomx il-files tal-kandidati quddiemhom qal li kellhom il-file ta’ l-applikazzjoni, izda mhux il-personal file.

Xehed Alfred Grech li llum irtirat, izda ghall-habta tal-1983 kien jahdem fid-Drainage Section u r-rikorrent kien apprentist fejn jarmaw il-pompi.  Ir-rikorrent kien apprentist mieghu u hu kien fil-grad ta' WTO.  Ir-rikorrent kien beda jahdem bhala Fitter u beda jiehu hsieb il-problemi li jkun hemm, u anke sar l-assistent tieghu.  Hu kien jibaghtu anke l-MSD biex jahdem fuq shiftijiet tal-pompi.  Semma li x-xoghol li kien qed jaghmel ir-rikorrent, ta' l-inqas biex taghmel xoghol ta' dik ir-responsabbilta` trid tkun fil-grad ta' WTO.  Inoltre meta ma kienx jigi t-Timekeeper, ir-rikorrent kien jiehu hsieb il-Muster Roll ukoll.  Qal ukoll li

kieku kien hu li kien qed jassessjah lir-rikorrent fil-marki, kien jaghtih 99% ghax-xoghol li kien jaghmel komparat mal-grad ta' WTO. Ir-rikorrent dejjem kien responsabbli fuq ix-xoghol, kapaci jiehu responsabbilta` tax-xoghol u anke responsabbilta tan-nies.

Xehed Emanuel Cortis u b'referenza ghar-risposta tad-dipartiment li hemm esebit a fol 5 tal-process, fl-ahhar paragrafu, fejn hemm referenza ghal skrivan u foreman, qal li l-iskrivan huwa ekwivalenti ghal group D, mentri foreman jigi zewg gradi oghla. Min kien hemm qabel Joseph Fenech li kien jaghmel ix-xoghol li fil-fatt kien jaghmel hu, kien fil-grad ta' Assisstant Principal, li huwa zewg gradi oghla mill-grad li kien jokkupa s-Sur Fenech ir-rikorrent.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent jista' jitqassam taht tlett aspetti u cioe`: it-talba ghal Works Technical Officer promozzjoni, il-promozzjoni ghall-Senior Works Technical Officer u l-fatt illi r-rikorrent ghamel xoghol superjuri ghal grad tieghu. Dawn iridu jigu ezaminati separatament u t-Tribunal sejjer jezamina l-ewwel it-talba ta' STO.

Illi fil-fatt jirrizulta illi mkien fir-rikors ma saret din it-talba u kien biss fil-21 ta' Marzu 2002, a fol 61 tal-process illi l-kunsulent legali tar-rikorrent specifika b'referenza ghat-tieni talba li t-talba ghall-promozzjoni qabel ir-riforma kienet ghal WTO li bir-riforma hu gie assimilat ghal Technical Officer, izda li t-talba saret ghal Senior Technical Officer minhabba li qed jaghmel xoghol superjuri. Fil-fehma ta' dan it-Tribunal ma jistax ikun illi t-talba tigi mibdula fi stadju daqshekk inoltrat minghajr il-proceduri li suppost isiru. Huwa veru li minhabba li dan huwa Tribunal id-decizjonijiet dwar formalitajiet huma inqas stringenti izda l-legislatur ghamilha cara illi huwa applikabbli permezz ta' l-Artikolu 15 tal-Att VIII tal-1997 tieghu il-Kodici ta' Organizzazzjoni tal-Procedura Civili u ghalhekk ma jistax ikun li f'dan l-istadju t-talba tigi mibdula b'mod radikali. Ghaldaqstant dak l-aspett huwa michud.

Nigu issa ghat-tieni aspett u cioe` t-talba kif verament saret fir-rikors u cioe` t-talba ghall-promozzjoni ta' Works Technical Officer. Irrizulta li fil-fatt kienu applikaw diversi nies ghal din il-kariga u dan in segwitu tac-cirkolari 11/88 datata 4 ta' Marzu 1988 biex persuni jilqhu Works Technical Officers fi hdax-il kategorija. Ir-rikorrent kien applika taht il-kategorija numru 6 u cioe` Machinery and Workshop fost total ta' 99 applikant. Minn dawn id-99 applikant, 30 gabu l-marka ta' 50 jew aktar fosthom ir-rikorrent li gab il-marka ta' 50, izda finalment gew rakkomandati u eventwalment promossi l-ewwel erbatax-il applikant li kienu gabu marki oghla minn 54.

Issa dan it-Tribunal ghandu l-obbligu jara jekk effettivament il-marka ta' 50 kienetx wahda gusta jew le, jew jekk saritx xi ingustizzja meta fil-fatt ir-rikorrent gie moghti din il-marka. Irrizulta minn kwantita` kbira ta' xhieda illi effettivament ir-rikorrent mhux kien biss jaghmel xoghlu u kien jaghmel xoghlu tajjeb, izda addirittura li kien gie diskritt li gieli sar minn persuni ta' zewg gradi aktar oghla minn dak tar-rikorrent. Dan iwassal imbaghad ghall-konkluzzjoni assurda illi persuna li tkun daqshekk tajba li taghmel xoghol ta' zewg gradi aktar 'il fuq, fl-istess hin ma tkunx kunsidrata tajba biex tilqah promozzjoni ghal Works Technical Officer. Inghad ukoll illi effettivament il-personal file ta' l-applikanti ma kienx ghad-disposizzjoni tal-persuni li kienu qeghdin jaghmlu l-interview, izda kien hemm biss il-file ta' l-applikazzjoni.

Meta wiehed ihares lejn il-marki li gew allokati lir-rikorrent isib li fil-fatt ta' kwalifiki inghata 10, ta' Trade Experience 12, ta' Trade Knowledge 15, 3 biss ta' Departimental Knowledge u 10 ta' Personality Leadership. Dwar kwalifiki jinghad illi effettivament kif ghadu kif isemma r-rikorrent gab 10 marki. Minn ezami akkurat tar-rizultati minn dawk illi effettivament hadu l-promozzjoni jirrizulta illi:

George Debono kellu 2 marki biss ghal kwalifiki, John Bonello 5 marki, Joseph Galea 6 marki, Farrugia Benedict 15-il marka, Joe Pace 2 marki, Pace Jesmond 10 marki, Joseph Cardona 2 marki, Galea Carmel 2 marki, Carmel

Grech 6  marki, Gwido Dimech xejn, John Mary Zammit xejn, Frank Ciappara xejn, Carmel Vassallo 2 marki, Edwin Quintano xejn, Joseph Cassar xejn, George Borg xejn, Manuel Monreal xejn.

Ghalhekk dan ifisser li kien hemm wiehed biss illi fil-fatt kellu aktar kwalifiki aktar mir-rikorrent u wiehed daqsu. Inoltre minn ezami tal-marki jirrizulta illi Departimental Knowledge kull ma gie moghti marki r-rikorrent kien tlett marki u kif jista' jkun li dan huwa veru jekk effettivament ir-rikorrent gie mfahhar minn diversi nies fuq xoghlu u effettivament kien jaghmel xoghol ferm superjuri ghall-grad tieghu.  Illi ghalhekk taht dan l-aspett it-Tribunal ihoss li saret ingustizzja mar-rikorrent ghax certament ir-rikorrent kien jisthoqlu 4 marki ohra li kienet tintitolah ghal promozzjoni fl-1989 ghall-kariga ta' Works Technical Officer.

Jifdal biss li wiehed jezamina t-tielet aspett u cioe` r-rikorrent effettivament kien jaghmel xoghol superjuri u ma thallasx tieghu.  It-Tribunal repetutament iddecieda li impjegat ghal zmien twil jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu b'mod efficcjenti ghandu d-dritt ghal kumpens finanzjarju ghalkemm mhux necessarjament ghall-promozzjoni.  Ara f'dan ir-rigward decizjonijiet tat-Tribunal fl-ismijiet Vella Mario kontra Direttur ta' l-Edukazzjoni et deciza 11 ta' Frar 2000, Anthony Cachia vs Korporazzjoni EneMalta deciza fis-6 ta' Dicembru 2000, Anthony Micallef kontra Awtorita` tad-Djar deciza fis-27 ta' Gunju 2002.  Recentement anke f'sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' l-Imhallef Alberto Magri fis-7 ta' Jannar 2003 fil-kawza Direttur Generali tal-Qorti kontra Pinu Axiaq fejn il-Qorti qalet:

“Ix-xoghol u r-responsabilita` jirrispekkja l-grad li wiehed jokkupa u dak ix-xoghol necessarjament ghandu jkun kumpensat adegwatament skond il-grad li jirrifletti, altrimenti diversi drabi fis-servizz civili ma jaghmlux sens”.

Izda wara illi fil-fatt intqal dan kollu, f'dan il-kaz partikolari ghalkemm certament ir-rikorrent haqqu kumpens, dan sejjer jiehdu in vista tal-fatt illi t-Tribunal sejjer

jirrakkomanda l-promozzjoni tar-rikorrent b'effett minn 1989 ghal Works Technical Officer u ghalhekk fil-fatt ikun qieghed jigi kumpensat adegwatament.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal filwaqt li jichad it-talba b'referenza ghal Senior Technical Officer u t-talba ghal kumpens minhabba xoghol superjuri, jilqa' t-talba tar-rikorrent ghal promozzjoni ghal Works Technical Officer u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-kariga ta' Works Technical Officer b'effett mill-istess data li fil-fatt haduha l-applikanti l-ohra li kienu applikaw ghas-sejha 11/88 datat 4 ta' Marzu, 1988 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------